MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 629/2004

**Eco Group Ltd u b'digriet tat-22 ta' Settembru 2004 minflok il-kliem "Eco Group Ltd" ghandhom jidhru l-kliem "Eco Energy Services" u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2004, minflokk il-kliem "Eco Group Ltd" ghandhom jidhru l-kliem "Louis Borg f'ismu propju u f'isem l-Agenda kummercjali Eco Energy Services"**

**Vs**

**Firm Eliseo Muscat Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm807.62 (tmien mija u seba` Liri Maltin tnejn u sittin centezmu) dovuti ghal servizzi provduti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` konvnuta ghadha tigi kundannata thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ tmien mija u seba` liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm807.62) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi provduti mill-istess socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, liema servizzi gew debitament accettati mill-istess socjeta` konvenuta. (Vide Dok A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 3 ta’ Marzu 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghadha tigi michuda bl-ispejjez stante illi mhuwiex minnu li s-socjeta` attrici irrendiet jew provdiet l-allegati servizzi lis-socjeta` konvenuta u li dawn gew accettati mill-istess socjeta` konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talba attrici tikkoncerna retenzjoni ghall-pagament ghal servizzi resi fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta.

Da parti taghha dana ndikat li dan ix-xoghol sar ghall-klient taghhom u di fatti gie kjamat fil-kawza l-istess Roderick Camilleri li baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas gie prodott bhala xhud.

Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta taghmel xoghol ta’ mechanic u kellha fork lifter tal-kjamat fil-kawza li f’hin minnhom kellu bzonn riparazzjoni elettrika u ghalhekk giet inkarigata s-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta

ppretendiet illi ghalkemm kien hemm diversi kuntatti bejn l-attur u l-kjamat fil-kawza illi hi ma kellha x’taqsam xejn mal-pagament, aktar u aktar sia meta l-attur u sia s-socjeta` konvenuta baqghu ma thallsux u ficcew flimkien lill-istess kjamat fil-kawza.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-kawza giet introdotta is-socjeta` attrici tramite s-socjeta` konvenuta ossia x-xoghol gie mghoti lis-socjeta` attrici mill-istess socjeta` konvenuta. Meta spicca x-xoghol, is-socjeta` konvenuta tippretendi li ma thallasx hi ghax-xoghol tas-socjeta` attrici imma kellu jkun il-kjamat fil-kawza.

Gie spjegat mis-socjeta` attrici li mal-kjamat fil-kawza, hu qatt ma kien jaf u di fatti x-xoghol sar ghand is-socjeta` konvenuta stess. Una volta li x-xoghol sar fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u di fatti s-socjeta` attrici li giet inkarigata mill-istess socjeta` konvenuta, allura ghall-istess ghandha tirrispondi s-socjeta` konvenuta, tant li jigu riservati lilha kull dritt spettanti lilha kontra l-kjamat fil-kawza.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ tmien mija u seba’ lira u tnejn u sittin centezmu (Lm 807.62), rizerva si et quatemus tas-socjeta` konvenuta li tharrek lill-istess Ludvic Camilleri, bl-ispejjes u interessi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------